## EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2003

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Is-Sitt Sena | MALTI (QARI) | Ħin: 20 minuta |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** _____________

### A. Immarka (✓) taħt IVA jew LE (3 marki)

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-kelb inewwaħ. | | |
| 2. | Bl-umbrella nilqgħu x-xita. | | |
| 3. | Il-merill hu l-għasfur nazzjonali. | | |
| 4. | Fis-Sajf tagħmel ħafna sħana. | | |
| 5. | Fl-ajruport rajt ħafna vapuri. | | |
| 6. | Missieri sarraf iċ-ċekk il-bank. | | |

### B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B bin-numri (3 marki)

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-qattus u l-kelb huma | | kull qaddis jgħin. |
| 2. | It-tipjip u x-xorb huma | | ħafna karozzi tal-linja. |
| 3. | Għan-niżla | | nara l-logħob tan-nar. |
| 4. | Fil-venda rajt | | żewġ annimali domestiċi. |
| 5. | Ħadt gost | | ħafna vapuri. |
| 6. | Fil-port jidħlu | | żewġ vizzji koroh. |

### Ċ. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx (3 marki)

1. televixin, radju, kompjuter, tazza, telefon
2. Ħal Tarxien, Ħad-Dingli, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Luqa, Marsalforn
3. ħobża, kejk, ktieb, pasta, qassata
4. wieħed, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames
5. qasam, daħlet, ħareġ, seraq, fetaħ
6. idħol, oħroġ, ersaq, iftħu, agħlaq

**D. Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha. (3 marki)**

1. It-tfal kienu (libsa, liebes, libsitha, lebsin, libset) tal-Karnival.
2. (Kul, Kulu, Kun, Kull, Kulha) meta taħslu l-kelb?
3. Ġanni ħa qatgħa u sar (aħdar, isfar, aħmar, ikħal, vjola) mewt.
4. Ħarġu ’l barra jistadu (għal, għall-, għal-, qal, qawl) lampuki.
5. Frar fawwâr jimla l- (swar, fwar, bjar, żrar, djar).
6. (Qatt, Qgħadt, Qadd, Għidt, Qagħad) ma mort hemm.

E. Ħdejn l-isem tal-kaxxa, ikteb in-numru ta’ l-oġġett immarkat.
Ara l-eżempju. (3 marki)

| | |
|---|---|
| kelb | |
| pinzell | |
| għasfur | 1 |
| sħaba | |
| siġra | |
| żebgħa | |
| pittur | |



**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2003**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

Isem ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Aqra din il-faċċata, imla ismek u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.



# *Il-Ħajjat Għaqli*

## *Aqra sew din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.*



Ħajjat magħruf kien ferħan b'xogħlu. Meta kienu jittantawh id-dubbien, kien jitlef il-boxxla u ma jkunx jaf x'inhu jagħmel. Għodwa waħda, waqt li kien qiegħed iħit, daru għalih id-dubbien. Mingħajr ma ħasibha darbtejn, qabad ixejjer il-paletti u qatel sitt dubbiniet f'daqqa! *(par. 1)*

"Qtilt sitta f'daqqa waħda!" għajjat bil-qalb. Dak il-ħin kienu għaddejjin żewġt ixjuħ nisa. Malli semgħu lill-ħajjat jgħid li qatel sitta, huma ħasbu li qatel xi sitt monstri. F'kemm trodd salib, l-aħbar ġriet madwar it-toroq tal-belt u waslet ukoll għand ir-re. *(par. 2)*

"Ibagħtu għalih," ordna r-re lis-suldati tiegħu. "Għandna bżonnu biex joqtol lill-ġgant li qed iwerwer u jiekol lin-nies." Il-ħajjat twerwer meta s-suldati ressquh quddiem ir-re. Kien kollu għalxejn li pprova jfiehmu li hu kien qatel dubbien u mhux monstri. Ma setax jgħid le lir-re u għalhekk telaq mill-palazz ħosbien, ma jafx fejn se jagħti rasu. *(par. 3)*

Waqt li kien miexi ġieh ħsieb. "Naf x'nagħmel," qal bejnu u bejn ruħu, "inħitlu ħalqu biex ma jikolx aktar nies." L-għada mar fejn jgħix il-ġgant u stennieh jorqod. Daħal ġewwa fuq ponot subgħajh biex il-ġgant ma jisimgħux. Malli l-ġgant raqad fil-fond, il-ħajjat kien pront qabad labra u ħajta u ħietlu ħalqu. *(par. 4)*

Malli l-ġgant qam ma setax jifhem x'kien ġara. Ma setax jiftaħ ħalqu u nduna li ħalqu kien meħjut. Dak il-ħin stess il-ħajjat ħareġ minn ġol-moħba. Qallu li hu kien lest iħollu ħalqu bil-kundizzjoni li jwiegħed lir-re u lin-nies tal-belt li ma jwerwirhomx jew jikolhom. *(par. 5)*

Il-ġgant żamm kelmtu u sar ħabib ta' kulħadd, filwaqt li l-ħajjat sar l-aktar ċittadin kuraġġuż ta' dik il-belt. *(par. 6)*

*A. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar is-silta li qrajt. Tagħmilx żbalji fil-kitba.* *(10 marki)*

1. Min kien ferħan b'xogħlu? (*par. 1*) ______________________________

______________________________________________

2. In-nisa ħasbu li l-ħajjat qatel sitt (ġganti, dubbiniet, monstri). (*par. 2*)

3. Il-ħajjat ħassu (mwerwer, ferħan, kuraġġuż) quddiem ir-re. (*par. 3*)

4. Meta kien jitlef il-boxxla dan il-ħajjat? (*par. 1*) ____________________

______________________________________________

5. Min ressaq lill-ħajjat quddiem ir-re? (*par. 3*)



______________________________________________

______________________________________________

6. Ikteb żewġ affarijiet ħżiena li kien jagħmel il-ġgant (*par. 3*):

(a) ______________________________________________

(b) ______________________________________________

7. Għaliex il-ħajjat daħal fuq ponot subgħajh? (*par. 4*) ________________

______________________________________________

8. X'għamel il-ħajjat meta l-ġgant raqad fil-fond? (*par. 4*) ______________

______________________________________________

9. X'kellu jagħmel il-ġgant biex il-ħajjat iħollu ħalqu? (*par. 5*) __________

______________________________________________

10. Taħseb li din il-ġrajja ġrat tassew? Agħti raġuni *waħda* għax taħseb hekk. ______________________________________________

## B. *Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba:* *(10 marki)*

1. "iżda meta kienu *jittantawh*" *(par. 1)* ; lil min jittantaw?
   lill- (a) ħajjat (b) ġgant (ċ) monstru
2. "*żewġt* ixjuħ nisa" *(par. 2)* . Kieku kienu *4 nisa*, konna niktbu:
   (a) erba' (b) erbat (ċ) erbgħa
3. *"F'kemm trodd salib" (par. 2)* tfisser:
   (a) bil-mod (b) malajr (ċ) imdejjaq



4. "ibagħtu *għalih*" *(par. 3)* ; *għalih* qed tirreferi għall-
   (a) monstru (b) ġgant (ċ) ħajjat
5. "joqtol *lill*-ġgant" *(par. 3)* ; *lill-* imqassra niktbuha hekk:
   (a) 'il - (b) 'l - (ċ) 'il
6. "*telaq* mill-palazz" *(par. 3)* ; l-*imperattiv/kmand* singular minn *telaq*:
   (a) tella' (b) jitlaq (ċ) itlaq
7. *"fuq ponot subgħajh" (par. 4)* tfisser:
   (a) kellu l-ponot (b) inkiss inkiss (ċ) beda jittawwal
8. *"raqad fil-fond" (par. 4)* ; din l-*idjoma* tfisser:
   (a) raqad sew (b) mgħotti sew (ċ) għawwiem tajjeb
9. *"jikolhom" (par. 5)* fin-*negattiv* tinkiteb:
   (a) ma jiekolhomx (b) ma jikolhomx (ċ) ma' jikolhomx
10. "sar *ħabib* ta' kulħadd" *(par. 6)* ; il-*maqlub* ta' *ħabib* huwa:
    (a) għuda (b) għerq (ċ) għadu

## Ċ. Il-ħajjat ma ħasibhiex ***darbtejn***. ***Darbtejn*** hi l-***Għadd Imtenni*** ta' ***darba***. Kompli dan il-paragrafu fl-***Għadd Imtenni***. (*5 marki)*

Il-ġgant kellu *(widna)* _______________ twal, *(għajn)* _______________ kbar, *(difer)* _____________ jaqtgħu u bil-ponta. Kien b'saħħtu ħafna bi *(spalla)* _______________ miftuħin u ma jibża' minn ħadd. Iżda wara kulħadd xerred *(demgħa)* _______________ meta talab maħfra lir-re!



*D. Qabbel l-idjoma mat-tifsira billi ddaħħal in-numri* **2** *sa* **6** *fil-kaxxa tan-nofs. (5 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | jitlef il-boxxla *(par. 1)* | | tkellem miegħu nnifsu |
| 2 | mingħajr ma ħasibha darbtejn *(par. 1)* | | kuntent u ferħan |
| 3 | għajjat bil-qalb *(par. 2)* | **1** | jitlef ir-raġuni |
| 4 | ma jafx fejn se jagħti rasu *(par. 3)* | | għamel dak li qal |
| 5 | qal bejnu u bejn ruħu *(par. 4)* | | mifxul |
| 6 | żamm kelmtu *(par. 6)* | | iddeċieda malajr |

*E.* Il-ġgant ***ma setax*** jiftaħ ħalqu għax il-ħajjat ħithulu.
***Ma setax*** hu verb **fin-negattiv.** Mis-silta ***"Il-Ħajjat Għaqli"***, sib ħames verbi ***oħra*** fin-***negattiv***. *(5 marki)*

1. ____________________
2. ____________________
3. ____________________
4. ____________________
5. ____________________



*F.* Kieku int kont il-ġgant, semmi ***5 wegħdiet oħrajn*** li stajt tagħmel biex turi lin-nies li se ssir il-ħabib tagħhom. *(5 marki)*
***Jiena nwiegħed li:***

1. ______________________________
2. ______________________________
3. ______________________________
4. ______________________________
5. ______________________________

***(Ġ) Imla l-vojt b'kelma waħda. Kull kelma trid tagħti sens lis-silta. (10 marki)***



Meta kelli għaxar ______________, sifirt għall-ewwel darba bl-ajruplan. Kienet ġita ta' ħamest ______________ fl-Italja. Qatt qabel ma kont ______________ ajruplan. Kien ______________ ta' madwar siegħa ______________ Malta ______________ Ruma. Kont xi ftit ______________ għax qatt ______________ kelli din l-esperjenza. Kont inħobb ġiti bil-______________ fuq il-baħar. Illum nirkeb l-ajruplan ______________ qed nirkeb karozza tal-linja.

***(G) Għaqqad flimkien il-kliem fil-parentesi** – ara l-eżempju: (5 marki)*



1. Il-ħajjat mar **<u>mas</u>** - suldati. *(ma' + is-)*
2. Marru flimkien ______________ palazz. *(fi + il-)*
3. Hi marret l-iskola ______________ mixi. *(bi + il-)*
4. Marru jistadu ______________ lampuki. *(għal + il-)*
5. Rajtu jiġbor xi ħaġa ______________ nar. *(minn + in-)*
6. Il-ġgant baqa' jibża' ______________ labar. *(minn + il-)*

***(GĦ) Daħħal kelma waħda fil-vojt minflok it-tifsira. (5 marki)***

Il-ħajjat kien ***<u>irqaq</u>*** *(aktar irqiq)* u ______________ *(aktar qasir)* mill-ġgant. Minkejja dan kollu, il-ħajjat kien ______________ *(aktar ħafif)* minnu u żgur ______________ *(aktar għaref)*. Żgur li kien ______________ *(aktar fqir)* mir-re, iżda n-nies tal-belt, ġo qalbhom kienu jgħidu li l-ħajjat kien ______________ *(aktar qalil)* mill-istess re!

*(Ħ) Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:* *(25 marka)*

*1.* **Kont fil-kċina tgħin lil ommok issajjar.** *Għid x'għamilt biex sajjartu l-platt favorit tagħkom.*



*2.* **Mort tisselle f ktieb mil-librerija. Meta wasalt id-dar indunajt li fi ktieb minnhom kien hemm envilopp qadim. Ftaħtu u ……….** *Ikteb x'sibt fih u x'ġara wara.*



*3.* **Kont qed tistad bil-qasba ma' nannuk. F'daqqa waħda tilmaħ dgħajsa se taqa' biċċiet mimlija nies. In-nies ta' fuq id-dgħajsa kienu f'diffikultà kbira. Smajt ukoll xi biki tat-tfal. Dehru li kienu deħlin Malta bla permess.** *Għid x'għamilt u kif spiċċat din il-ġrajja.*



*4.* **Waqt li kont qed naqra, għajni marret bija. Ħlomt li jien kont monstru b'żewġt irjus. Għalkemm ma kellix xi figura sabiħa, kelli qalbi tajba.** *Kompli l-ħolma.*

5. **Ilbieraħ waqt li kont qed tixtri f'ħanut tal-ħwejjeġ, daħlet kantanta magħrufa.** *Ikteb* ***djalogu*** *bejnek u bejn il-kantanta.*

